KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 1.3.2006
KUMM(2006) 92 finali

**KOMUNIKAZZJONI MILL-KUMMISSJONI LILL-KUNSILL, LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI**

**Il-pjan ta' rotta għall-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel**

**2006-2010**

{SEG(2006) 275}

MT MT

## DAĦLA

Dan il-pjan ta' rotta jiddeskrivi sitt oqsma ta' prijorità għal azzjoni ta' l-UE dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi għall-perjodu 2006-2010: independenza ekonomika indaqs bejn in-nisa u l-irġiel; rikonċiljazzjoni ta' ħajja privata u professjonali; rappreżentazzjoni indaqs fit-teħid ta' deċiżjonijiet; tneħħija tal-forom kollha ta' vjolenza b'karatteristiċi marbuta mas-sess tal-persuna; tneħħija ta' sterjotipi fuq is-sess; promozzjoni ta' ugwaljanza bejn is-sessi fil-politiki esterni u dawk ta' żvilupp. Għal kull qasam, dan il-pjan jidentifika għanijiet ta' prijorità u azzjonijiet. Il-Kummissjoni waħedha ma tistax tikseb dawn l-għanijiet, peress li f'ħafna qosma ċ-ċentru ta' gravità ta' l-azzjoni jinsab fil-livell ta' l-Istat Membru. Għaldaqstant, dan il-pjan ta' rotta jirrappreżenta l-impenn tal-Kummissjoni sabiex tmexxi 'l quddiem l-aġenda dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi, issaħħaħ is-sħubija bejn l-Istati Membri, u parteċipanti oħra.

Dan il-pjan ta' rotta jibni fuq l-esperjenza ta' l-Istrateġija ta' Qafas għall-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel[1] għall-perjodu 2001-2005. Jgħaqqad it-tnehid ta' azzjonijiet ġodda u t-tisħiħ ta' attivitajiet li jeżistu li għamlu suċċess. Itenni l-metodu doppju ta' l-ugwaljanza bejn is-sessi msejjes fuq l-integrazzjoni ta' l-ugwaljanza bejn is-sessi (il-promozzjoni ta' l-ugwaljanza bejn is-sessi fl-oqsma tal-politika u l-attivitajiet kollha) u miżuri speċifiċi.

L-ugwaljanza bejn is-sessi hu dritt fundamentali, valur komuni ta' l-UE, u kundizzjoni meħtieġa għall-kisba ta' l-għanijiet ta' l-UE ta' tkabbir, impjieg u koeżjoni soċjali. L-UE għamlet progress sinifikanti fil-kisba ta' l-ugwaljanza bejn is-sessi, permezz tal-leġiżlazzjoni ta' trattament indaqs, inklużjoni ta' l-ugwaljanza bejn is-sessi, miżuri speċifiċi għall-progress tan-nisa, programmi ta' azzjoni, djalogu soċjali u djalogu ma-soċjetà ċivili. Il-Parlament Ewropew kien imsieħeb importanti għal progress. Bosta nisa laħqu l-aqwa livelli ta' edukazzjoni, daħlu fis-suq tax-xogħol u saru parteċipanti importanti fil-ħajja pubblika. Madankollu, l-inugwaljanzi jibqgħu u jistgħu jinfirxu, filwaqt li l-kompetizzjoni globali ekonomika akbar teħtieġ qawwa tax-xogħol aktar flessibbli u mobbli. Dan jista' jaffetwa aktar lin-nisa, li sikwit huma obbligati jagħżlu bejn li jkollhom it-tfal jew karriera, minħabba nuqqas ta' arraġamenti flessibli tax-xogħol u servizzi ta' kura, il-persistenza ta' l-isterjotipi tas-sessi, u sehem mhux indaqs tar-responsabbiltajiet tal-familja ma' l-irġiel. Il-progress li sar min-nisa, inkluż fl-oqsma ewlenin għall-Istrateġija ta' l-Liżbona bħall-edukazzjoni u r-riċerka, mhumiex riflessi bis-sħiħ fil-pożizzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol. Dan huwa ħela tal-kapital uman li l-UE ma tiflaħx għalih. Fl-istess ħin, ir-rati baxxi tat-twelid u nuqqas tal-ħaddiema jheddu r-rwol politiku u ekonomiku ta' l-UE.

L-UE tibqa' imsieħba importanti fl-isforz globali biex tiġi promossa l-ugwaljanza bejn is-sessi. Il-bidla tal-globalizzazzjoni f'forza pożittiva għan-nisa u l-irġiel kollha u l-ġlieda kontra l-faqar huma sfidi prinċipali. It-teknoloġiji tal-komunikazzjoni jagħmlu d-delitti bħat-traffikar tal-bnedmin eħfef u aktar mifruxa.

Jekk l-UE għandha tissodisfa dawn l-isfidi, il-progress lejn l-ugwaljanza bejn is-sessi għandu jitħaffef, u l-integrazzjoni ta' l-ugwaljanza bejn is-sessi għandu jissaħħaħ fil-politiki kollha u b'mod partikolari fl-oqsma identifikati f'dan il-pjan ta' rotta.

[1] KUMM(2000) 335.

## Parti I: OQSMA TA' PRIJORITÀ TA' AZZJONI GĦALL-UGWALJANZA BEJN IS-SESSI

### 1. IL-KISBA TA' INDIPENDENZA EKONOMIKA INDAQS BEJN IN-NISA U L-IRĠIEL

#### 1.1 Il-Kisba tal-miri ta' impjieg ta' Liżbona

Skond il-miri ta' l-impjieg ta' Liżbona r-rata ta' impjieg għan-nisa għandha tilħaq 60% sa l-2010. Bħalissa, qiegħda madwar 55.7% u hi ħafna anqas (31.7%) għan-nisa ta' età akbar (55-64 sena). Barra minn hekk, in-nisa għandhom rata ta' qgħad għola minn dik ta' l-irġiel (9.7% meta mqabbla ma' 7.8%). Id-dimensjoni tas-sessi ta' l-istrateġija ta' Liżbona għal impjiegi u tkabbir għandha tissaħħaħ. Konformità mal-leġiżlazzjoni ta' trattament indaqs u użu effettiv tal-Fondi Strutturali l-ġodda (pereżempju taħriġ, miżuri ta' intraprendenza) jistgħu jgħinu jżiedu l-impjieg tan-nisa. L-individwalizzazzjoni tad-drittijiet marbuta mas-sistemi ta' taxxa u benefiċċju jistgħu jiżguraw wkoll li hu ta' benefiċċju kemm għan-nisa kif ukoll għall-irġiel li jaħdmu.

#### 1.2 It-tneħħija tad-differenza fil-paga ta' bejn is-sessi

Minkejja l-leġiżlazzjoni ta' l-UE dwar il-paga indaqs, in-nisa jaqalgħu 15% inqas mill-irġiel[2] u din id-differenza qiegħda tonqos b'pass aktar bil-mod mid-differenza fl-impjieg ta' bejn is-sessi. Il-persistenza ta' din id-differenza tirriżulta minn diskriminazzjoni diretta kontra n-nisa u l-inugwaljanzi strutturali, bħas-segregazzjoni f'setturi, impjiegi u fir-rutini tax-xogħol, aċċess għal edukazzjoni u taħriġ, valutazzjoni preġudikata u sistemi ta' ħlas, u sterjotipi. Sabiex jiġu indirizzati dawn il-kwistjonijiet, jinħtieġ strateġija b'bosta aspetti u l-mobilizzazzjonijiet tal-partijiet kollha.

#### 1.3 Intraprendituri nisa

In-nisa jiffurmaw parti, fil-medja, ta' 30% ta' l-intraprendituri fl-UE. Iħabbtu wiċċhom sikwit ma' diffikultajiet akbar minn dawk ta' l-irġiel sabiex iwaqqfu kumpaniji u sabiex ikollhom aċċess għal finanzjament u taħriġ. Ir-rakkomandazzjonijiet li l-Pjan ta' Azzjoni ta' l-Intraprendenza ta' l-UE jagħmel fuq it-twaqqif ta' kumpaniji min-nisa, li qegħdin jiżdiedu permezz ta' aċċess aħjar għal finanzjament u l-iżvilupp ta' netwerk ta' intraprenditorjat, jeħtieġu jiġu implimentati aktar.

#### 1.4 Ugwaljanza bejn is-sessi fil-ħarsien soċjali u l-ġlieda kontra l-faqar

Is-sistemi ta' ħarsien soċjali għandhom ineħħu n-nuqqas ta' inċentivi għan-nisa u l-irġiel biex jidħlu jew jibqgħu fis-suq tax-xogħol, u jħalluhom jakkumulaw id-drittijiet għal pensjoni individwali. Madankollu, in-nisa huma xorta aktar probabbli li jkollhom karrieri inqas jew imwaqqfa u, għalhekk, anqas drittijiet mill-irġiel. Dan iżid ir-riskju għall-faqar, b'mod partikolari għall-ġenituri waħedhom, nisa akbar fl-età jew għal nisa li jaħdmu f'kumpaniji tal-familja, bħall-agrikultura u s-sajd. Il-Fond tas-Sajd Ewropew il-ġdid (EFF) u l-politiki ta' l-Iżvilupp Rurali (EAFRD) jistgħu jtejbu l-qagħda tan-nisa f'dawn is-setturi. Jeħtieġ li s-sistemi

---

2 Differenza li mhix irranġata.

ta' ħarsien soċjali jiżguraw li dawn in-nisa jkollhom aċċess għal benefiċċji xierqa, b'mod partikolari meta jidħlu għall-pensjoni.

### 1.5 L-għarfien tad-dimensjoni tas-sessi fis-saħħa

In-nisa u l-irġiel iħabbtu wiċċhom ma' riskji speċifiċi tas-saħħa, mard, kwistjonijiet u prassi li jaffetwaw is-saħħa tagħhom. Dan jinkludi kwistjonijiet ambjentali bħall-użu ta' kimiki u pesitiċidji, peress li huma ta' spiss trasmessi waqt it-tqala jew waqt l-irdigħ. Riċerka medika u bosta standards ta' sigurtà u saħħa jirrelataw aktar mar-raġel u l-oqsma tax-xogħol iddominati mill-irġiel.

L-għarfien f'dan il-qasam għandu jitjieb u l-istatistika u l-indikaturi jiġu żviluppati aktar. Is-servizzi soċjali, tas-saħħa u ta' kura għandhom jiġu mmodernizzati sabiex itejbu l-aċċessibbiltà, il-kwalità u s-sensibilità tagħhom għall-ħtiġijiet ġodda u speċifiċi tan-nisa u l-irġiel.

### 1.6 Il-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni multipla, b'mod partikolari kontra l-immigranti u n-nisa li jagħmlu parti minn minoranza etnika

L-UE hi impenjata għat-tneħħija tad-diskriminazzjoni kollha u l-ħolqien ta' soċjetà inklużiva għal kulħadd. Il-membri nisa ta' gruppi żvantaġġjati ta' sikwit jinsabu f'qagħda għar mill-irġiel bħalhom. Il-qagħda tal-minoranza etnika u ta' l-immigranti nisa hija emblematika. Bosta drabi jsofru minn diskriminazzjoni doppja. Dan jeħtieġ il-promozzjoni ta' l-ugwaljanza tas-sessi fl-emigrazzjoni u l-politiki ta' integrazzjoni sabiex jiżguraw id-drittijiet tan-nisa u l-parteċipazzjoni ċivika, sabiex jużaw bis-sħiħ l-potenzjal ta' l-impjieg tagħhom u sabiex itejbu l-aċċess tagħhom għall-edukazzjoni u t-tagħlim kontinwu.

**Azzjonijiet ewlenin**

Il-Kummissjoni ser:

- tikkontrolla u ssaħħaħ l-integrazzjoni ta' l-ugwaljanza bejn is-sessi b'mod partikolari fil-:
    - linji ta' Gwida Integrati għat-tkabbir u l-impjiegi u l-metodu ta' koordinazzjoni armonizzat il-ġdid li jkopri l-pensjonijiet, l-inklużjoni soċjali, is-saħħa u l-kura fit-tul[3], kif ukoll billi fl-2007 tħejji għal manwali ta' ugwaljanza bejn is-sessi għall-parteċipanti involuti f'dawn il-proċessi u billi tevalwa kif is-sistemi ta' ħarsien soċjali jistgħu jippromwovu l-ugwaljanza bejn is-sessi,
    - politiki tas-saħħa, kif ukoll billi taġġorna l-analiżi tad-dimensjoni tas-sessi fis-saħħa,
    - attivitajiet nazzjonali u Ewropej fis-Sena Ewropea ta' l-Opportunitajiet Indaqs għall-Kulħadd fl-2007 u fis-Sena Ewropea għall-Ġlieda kontra l-Esklużjoni u l-Faqar fl-2010,
    - flimkien ma' l-Istati Membri, tippromwovi l-integrazzjoni ta' l-ugwaljanza bejn is-sessi u miżuri speċifiċi fl-ipprogrammar u fl-implimentazzjoi tal-Fondi

[3] KUMM(2005) 706.

Strutturali l-ġodda[4], l-EFF u l-EAFRD (2007-2013), kif ukoll permezz tal-kontroll u l-garanzija ta' riżorsi xierqa għall-ugwaljanza bejn is-sessi,

- il-Qafas għall-Integrazzjoni taċ-Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi fl-UE[5], is-segwitu tal-Pjan ta' Politika dwar il-Migrazzjoni Legali[6], il-Fond Ewropew Soċjali (ESF) u l-Fond Ewropew propost għall-Integrazzjoni taċ-Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi,

- tressaq Komunikazzjoni dwar id-differenza tal-pagi bejn is-sessi fl-2007,
- fl-2010 tħejji rapport dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar trattament indaqs għall-irġiel u n-nisa fl-aċċess għal u l-provvista ta' oġġetti u servizzi[7],
- tippromwovi l-intraprendenza tan-nisa u l-ambjent tal-kummerċ li jħaffef il-ħolqien u l-iżvilupp ta' kumpaniji mmexxija min-nisa; tħeġġeġ inizjattivi ta' responsabbiltà soċjali korporattiva dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi.

## 2. IT-TITJIB TA' RIKONĊILJAZZJONI TAX-XOGĦOL U L-ĦAJJA PRIVATA U TAL-FAMILJA

### 2.1 Arranġamenti flessibbli għax-xogħol kemm għan-nisa kif ukoll għall-irġiel

Il-politiki ta' rikonċiljazzjoni jgħinu sabiex tinħoloq ekonomija flessibbli, filwaqt li jtejbu l-kwalità tal-ħajja tan-nisa u ta' l-irġiel. Jgħinu lin-nies jidħlu u jibqgħu fis-suq tax-xogħol, jużaw il-potenzjal sħiħ tal-ħaddiema u għandhom ikunu disponibbli kemm għan-nisa kif ukoll għall-irġiel. Arranġamenti flessibbli tax-xogħol iħeġġu l-produttività, itejbu s-sodisfazzjoni u r-reputazzjoni ta' l-impjegat. Madankollu, il-fatt li ħafna aktar nisa milli irġiel jużaw arranġamenti bħal dawn joħloq żbilanċ bejn is-sessi li għandu impatt negattiv fuq il-pożizzjoni tan-nisa fil-post tax-xogħol u l-indipendenza ekonomika tagħhom.

### 2.2 Servizzi ta' kura li qegħdin jiżdiedu

L-Ewropa għandha tħabbat wiċċha ma' sfida tripla: populazzjoni ta' età tax-xogħol li qiegħda tonqos, rati ta' twelid baxxi u popolazzjoni ta' nies anzjani dejjem tikber. Arranġamenti aħjar għall-bilanċ tal-ħajja tax-xogħol huma parti mit-tweġiba tat-tnaqqis demografiku billi joffru faċilitajiet għall-kura tat-tfal bi prezz raġjonveoli u aċċessibbli, kif meħtieġ mill-miri ta' Barċelona[8], u l-provvediment ta' servizzi li jissodisfaw il-ħtiġijiet ta' kura ta' l-anzjani u n-nies b'diżabbiltà. Il-kwalità ta' dawn is-servizzi għandha titjieb u l-kwalifiki tal-persunal, b'mod partikolari tan-nisa, jiġu żviluppati u meqjuma aħjar.

### 2.3 Politiki ta' rikonċiljazzjoni aħjar kemm għan-nisa kif ukoll għall-irġiel

Is-servizzi u l-istrutturi qegħdin jadattaw bil-mod wisq għal qagħda fejn kemm in-nisa kif ukoll l-irġiel jaħdmu. Ftit irġiel jieħdu lif tal-ġenituri jew xogħol *part-time* (7.4% meta mqabbel ma' 32.6% għan-nisa); in-nisa jibqgħu dawk li jieħdu ħsieb it-tfal u dipendenti oħra. L-irġiel għandhom jitħeġġu jieħdu r-responsabbiltajiet tal-familja, b'mod partikolari permezz

---

4 Ara l-linji ta' Gwida Strateġiċi tal-Komunità dwar il-politika ta' koeżjoni, KUMM(2005) 299.
5 KUMM(2005) 389.
6 KUMM(2005) 669.
7 Direttiva 2004/113/KE.
8 Id-dispożizzjoni tal-kura tat-tfal sa l-2010 sa għallinqas 90% tat-tfal bejn it-3 snin u l-età ta' l-iskola obbligatorja u għallinqas 33% tat-tfal taħt l-età ta' tliet snin.

ta' inċentivi biex jieħdu lif tal-ġenituri jew tal-missier u biex jaqsmu d-drittijiet tal-lif man-nisa.

**Azzjonijiet ewlenin**

Il-Kummissjoni ser:

- tippreżenta Komunikazzjoni dwar id-Demografija fl-2006[9] fejn tindirizza l-kwistjoni ta' rikonċiljazzjoni tal-ħajja tal-familja u tax-xogħol,
- tappoġġja l-kisba tal-miri ta' Barċelona fuq il-kura tat-tfal u l-iżvilupp ta' faċilitajiet ta' kura oħrajn permezz tal-Fondi Strutturali u l-iskambju ta' prassi tajbin,
- tappoġġja r-riċerka fuq professjonijiet tas-setturi tas-saħħa u dawk soċjali u taħdem ma' organizzazzjonijiet internazzjonali lejn klassifikazzjoni aħjar ta' dawn l-impjiegi.

## 3. Il-promozzjoni ta' Parteċipazzjoni Indaqs tan-Nisa u ta' l-Irġiel fit-Teħid ta' Deċiżjonijiet

### 3.1 Il-parteċipazzjoni tan-nisa fil-politika

In-nuqqas ta' rappreżentazzjoni persistenti tan-nisa fit-teħid ta' deċiżjonijiet politiċi hu defiċit demokratiku. Iċ-ċittadinanza u l-parteċipazzjoni attiva tan-nisa fil-politika u fl-amministrazzjoni pubblika ta' tmexxija għolja fil-livelli kollha (lokali, reġjonali, nazzjonali, Ewropew) għandha tiġi promossa aktar. Id-disponibbiltà ta' *data* li ta' min jafda fiha u komparabbli ta' l-UE tibqa' prijorità.

### 3.2 In-nisa fit-teħid ta' deċiżjonijiet ekonomiċi

Parteċipazzjoni bilanċjata tan-nisa u ta' l-irġiel fit-teħid ta' deċiżjonijiet ekonomiċi tista' tikkontribwixxi għal ambjent ta' xogħol aktar produttiv u innovattiv u kultura u rendiment ekonomiku aħjar. Trasparenza fil-proċessi ta' promozzjoni, arranġamenti flessibbli tax-xogħol, u disponibbiltà ta' faċilitajiet tal-kura huma essenzjali.

### 3.3 In-nisa fix-xjenza u t-teknoloġija

Il-parteċipazzjoni tan-nisa fix-xjenza u t-teknoloġija tista' tikkontribwixxi għal aktar innovazzjoni, kwalità u kompetittività ta' riċerka xjentifika u industrijali u ħtiġijiet sabiex jiġu promossi. Sabiex tintlaħaq il-mira[10] ta' 25% ta' nisa fil-pożizzjonijiet ta' direzzjoni fir-riċerka tas-settur pubbliku, il-politiki għandhom jiġu implimentati u l-progress ikkontrollat. Netwerking u disponibbiltà akbar tad-*data* ta' l-UE huma essenzjali.

---

9 Segwitu ta' KUMM(2005) 94.

10 Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill ta' l-18.4.2005.

**Azzjonijiet ewlenin**

Il-Kummissjoni ser:

- tikkontrolla u tippromwovi l-integrazzjoni ta' l-ugwaljanza bejn is-sessi b'mod partikolari fil-:
  - politika Ewropea ta' riċerka u s-seba' Programm ta' Qafas, kif ukoll billi tiggarantixxi l-implimentazzjoni tal-Pjanijiet ta' Azzjoni tas-Sessi, tiżviluppa riċerka speċifika tas-sessi, tikkontrolla l-integrazzjoni ta' l-ugwaljanza bejn is-sessi u l-parteċipazzjoni tan-nisa fil-Kunsill Ewropew ta' Riċerka mħabbar,
  - programm ta' Edukazzjoni u Taħriġ ta' l-2010 billi tippromwovi l-aċċess tan-nisa għal karrieri xjentifiċi u tekniċi skond l-għan Ewropew sabiex jirrimedja l-iżbilanċ bejn is-sessi f'dan il-qasam; fl-2007 tiżviluppa Gwida Ewropea ta' l-Aħjar Prassi dwar il-Kwistjonijiet tas-Sessi ICT,
  - implimentazzjoni taċ-Ċittadini Futuri għall-Programm Ewropew billi tinkludi l-ugwaljanza bejn is-sessi fil-qasam taċ-ċittadinanza attiva bħala waħda mis-suġġetti ewlenin, u permezz tal-mobilizzazzjoni tan-netwerks eżistenti,
- tistabbilixxi fl-2007 netwerk ta' l-UE tan-nisa fil-pożizzjonijiet ta' teħid ta' deċiżjonijiet politiċi u ekonomiċi,
- tappoġġja l-attivitajiet li jqajmu l-għarfien, l-iskambju ta' prassi tajbin u riċerka, inkluż fuq il-bażi tad-*database* Ewropew fuq in-nisa u l-irġiel fit-teħid ta' deċiżjonijiet b'mod partikolari minħabba l-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew fl-2009.

## 4. IT-TNEĦĦIJA TA' VJOLENZA B'KARATTERISTIĊI MARBUTA MAS-SESS TAL-PERSUNA U T-TRAFFIKAR

### 4.1 It-tneħħija ta' vjolenza b'karatteristiċi marbuta mas-sess tal-persuna

L-UE hi impenjata li tiġġieled kontra l-forom kollha ta' vjolenza. In-nisa huma l-vittmi ewlenin tal-vjolenza b'karatteristiċi marbuta mas-sess tal-persuna. Din hi vjolazzjoni tad-dritt fondamentali għal ħajja, sigurtà, libertà, dinjità u integrità fiżika u emozzjonali. Vjolazzjoni ta' dawn id-drittijiet ma tistax tiġi tolerata jew skużata b'kwalunkwe raġuni. Il-prevenzjoni hi essenzjali u teħtieġ edukazzjoni u għarfien, l-iżvilupp ta' netwerking u sħubija, u l-iskambju ta' prassi tajbin. Tinħtieġ azzjoni urġenti biex jitneħħew l-attitudnijiet u l-prassi ta' ħsara tas-soltu jew tradizzjonali, kif ukoll il-mutilazzjoni tal-ġenitali tan-nisa, żwieġ bikri jew sfurzat, u reat ta' l-unur.

### 4.2 Tneħħija tat-traffikar tal-bnedmin

It-traffikar tal-bnedmin huwa delitt kontra l-individwi u vjolazzjoni tad-drittijiet fondamentali tagħhom. Huwa tip ta' jasar modern li n-nisa u t-tfal fqar, b'mod partikolari l-bniet, huma aktar vulnerabbli għalih. Biex jitwaqqaf dan it-traffikar jeħtieġ għaqda ta' miżuri preventivi, kriminalizzazzjoni ta' trafikkar permezz ta' leġiżlazzjoni xierqa, u ħarsien u għajnuna għall-

vittmi[11]. Il-miżuri biex jaqgħtu qalb it-talba għal nisa u tfal għal sfruttament sesswali għandhom jiġu żviluppati aktar. Dan l-approċċ jidher fl-Azzjoni ta' l-UE dwar it-traffikar tal-bnedmin[12]. Id-Direttiva dwar il-permessi tar-residenti għal vittmi tat-traffikar[13] ser tipprovdi għodda ġdida għall-integrazzjoni mill-ġdid tal-vittmi permezz ta' aċċess tas-suq tax-xogħol, taħriġ vokazzjonali u edukazzjoni. Sinerġiji ma' l-ESF għandhom jiġu sfruttati bis-sħiħ. L-UE għandha tiżviluppa *data* komparabbli għal valutazzjoni tat-traffikar kull sena f'kull pajjiż.

**Azzjonijiet ewlenin**

Il-Kummissjoni ser:

- toħroġ Komunikazzjoni dwar it-twaqqif ta' sistema għal statistika komparabbli dwar id-delitti, vittmi u ġustizzja kriminali fl-2006 u tikkontrolla progress fuq livell ta' l-UE,

- tappoġġja l-Istati Membri u l-NGOs fl-isforzi tagħhom biex titneħħa l-vjolenza b'karatteristiċi marbuta mas-sess tal-persuna, li tinkludi prassi ta' ħsara tas-soltu u dik tradizzjonali, billi jiġu promossi kampanji li jqajmu l-għarfien, billi tappoġġja n-netwerking, l-iskambju ta' prassi tajbin u riċerka, u billi timplimenta programmi għal vittmi kif ukoll dawk li jagħmlu d-delitt, tħeġġeġ l-Istati Membri li jistabbilixxu pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali,

- issegwi fuq il-Komunikazzjoni u l-Pjan ta' Azzjoni ta' l-UE dwar it-traffikar tal-bnedmin u tippromwovi l-użu ta' l-istrumenti eżistenti kollha, kif ukoll l-ESF, għall-integrazzjoni mill-ġdid fis-soċjetà ta' vittmi ta' vjolenza jew traffikar tal-bnedmin.

## 5. IT-TNEĦĦIJA TA' L-ISTERJOTIPI TAS-SESSI FIS-SOĊJETÀ

### 5.1 It-tneħħija ta' l-isterjotipi tas-sessi fl-edukazzjoni, it-taħriġ u l-kultura

L-edukazzjoni, it-taħriġ u l-kultura jissoktaw jgħaddu l-isterjotipi tas-sessi. In-nisa u l-irġiel sikwit isegwu edukazzjoni u taħriġ tradizzjonali, li sikwit jqiegħdu n-nisa f'impjiegi li huma anqas meqjuma u mħallsa. Il-politika għandha tiffoka fuq il-ġlieda kontra l-isterjotipi minn età bikrija, u tipprovdi taħriġ ta' għarfien lill-għalliema u lill-istudenti, u tħeġġeġ lin-nisa u lill-irġiel żgħażagħ biex jiskopru mogħdijiet ta' edukazzjoni li mhumiex tradizzjonali. Is-sistema ta' edukazzjoni għandha tipprovdi liż-żgħażagħ b'kwaliki xierqa. Għaldaqstant, jeħtieġ li jiġi indirizzat il-fenomenu ta' tluq bikri mill-iskola, li jaffetwa aktar lis-subien milli lill-bniet.

### 5.2 It-tneħħija ta' l-isterjotipi tas-sessi fis-suq tax-xogħol

In-nisa xorta jħabbtu wiċċhom ma' segregazzjoni orizzonali u vertikali. Bosta minnhom jissoktaw jiġu impjegati f'setturi li huma normalment okkupati min-nisa, li huma rrikonoxxuti u meqjuma inqas. Barra minn hekk, ġeneralment ikollhom gradi anqas tal-ġerarkija organizzattiva. Huwa ta' siewi li d-dħul tan-nisa f'setturi mhux tradizzjonali jiġi ffaċilitat daqskemm huwa ta' siewi li titħeġġeġ il-preżenza ta' l-irġiel f'setturi li huma tradizzjonalment okkupati min-nisa. Il-liġijiet kontra d-diskriminazzjoni għandhom jissaħħu, u t-taħriġ u l-inċentivi pprovduti.

---

[11] KUMM(2005) 514.
[12] ĠU C 311, 9.12.2005, p.1.
[13] Direttiva 2004/81/KE.

### 5.3 It-tneħħija ta' l-isterjotipi tas-sessi fil-midja

Il-midja għandha rwol kruċjali fil-ġlieda ta' l-isterjotipi tas-sessi. Tista' tikkontribwixxi biex tippreżenta stampa realistika tal-ħiliet u l-potenzjal tan-nisa u ta' l-irġiel fis-soċjetà moderna u tevita li tpittirhom b'mod degradanti u offensiv. Id-djalogu mal-partijiet ikkonċernati u l-kampanji li jqajmu l-għarfien għandhom jiġu promossi fuq il-livelli kollha.

**Azzjonijiet ewlenin**

Il-Kummissjoni ser:

- tappoġġja azzjonijiet biex tneħħi l-isterjotipi tas-sessi fl-edukazzjoni, il-kultura u fis-suq tax-xogħol billi tħeġġeġ l-integrazzjoni ta' l-ugwaljanza bejn is-sessi u azzjonijiet speċifiċi fil-programmi ta' l-ESF, l-ICT u fil-programmi ta' edukazzjoni u kultura ta' l-UE, kif ukoll l-istrateġija tat-Tagħlim Kontinwu ta' l-UE u l-programm fil-ġejjieni tat-Tagħlim Kontinwu Integrat,

- tappoġġja kampanji ta' tqajjim ta' għarfien u skambju ta' prassi tajbin fl-iskejjel u impriżi dwar rwoli tas-sessi li mhumiex sterjotipi u tiżviluppa djalogu mal-midja biex tinkoraġixxi dehra mhux sterjotipika tan-nisa u l-irġiel,

- tqajjem l-għarfien dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi fid-djalogu maċ-ċittadini ta' l-UE permezz tal-pjan tal-Kummissjoni għal Demokrazija, Djalogu u Dibatittu[14].

## 6. IL-PROMOZZJONI TA' L-UGWALJANZA BEJN IS-SESSI LIL HINN MILL-UE

### 6.1 It-tisħiħ tal-leġiżlazzjoni ta' l-UE fil-pajjiżi li sejrin jissieħbu, dawk kandidati u dawk li huma kandidati potenzjali[15]

Il-pajjiżi li qegħdin jissieħbu ma' l-UE għandhom iħaddnu bis-sħiħ l-prinċipju fondamentali ta' ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel. Għandhom jiżguraw infurzar strett ta' leġiżlazzjoni u jwaqqfu sistemi amministrattivi u legali xierqa. Il-kontroll tat-traspożizzjoni, implimentazzjoni u infurzar tal-leġiżlazzjoni ta' l-UE ta' l-ugwaljanza bejn is-sessi ser tkun prijorità ta' l-UE għall-proċessi fil-ġejjieni tat-tkabbir.

### 6.2 Promozzjoni ta' ugwaljanza bejn is-sessi fil-Politiki Ewropej tal-Viċinat (ENP), dawk esterni u ta' żvilupp

L-ugwaljanza bejn is-sessi hija għan fiha nnifisha, dritt uman u tikkontribwixxi sabiex tnaqqas il-faqar. L-UE għandha rwol ewlieni fl-isforzi ta' żvilupp internazzjonali u tikkonforma ma' prinċipji li huma rrikonoxxuti internazzjonalement bħad-Dikjarazzjoni ta' l-Iżvilupp tal-Millenju u l-Pjattaforma ta' Beijing għall-Azzjoni (BPfA). Tenniet mill-ġdid li l-ugwaljanza bejn is-sessi hi waħda mill-ħames prinċipji ewlenin tal-politika ta' l-iżvilupp fil-*Konsensus Ewropew dwar l-Iżvilupp*[16] . L-Istrateġija l-ġdida ta' l-UE għall-Afrika[17] tinkludi l-ugwaljanza bejn is-sessi bħala element ewlieni fis-sħubijiet kollha u fl-istrateġiji nazzjonali

---

[14] KUMM(2005) 494.
[15] Albania, Bosnia u Herzegovina, Serbia u Montenegro, u Kosovo, cfr. KUMM(2005) 561.
[16] Il-Kunsill tat-22.11.2005.
[17] KUMM(2005) 489.

ta' żvilupp kollha. L-UE għandha l-impenn tħeġġeġ l-ugwaljanza bejn is-sessi f'relazzjoniiet esterni, kif ukoll fl-ENP. L-intervenzjonijiet umanitarji ta' l-UE jqisu b'mod partikolari l-ħtiġijiet speċifiċi tan-nisa.

Mad-dinja kollha, l-UE ser tissokta tippromwovi l-edukazzjoni u ambjent sigur għall-bniet u n-nisa, is-saħħa u d-drittijiet riproduttivi u sesswali, l-għoti ta' setgħa lin-nisa, li jikkontribwixxi għall-ġlieda kontra l-HIV/AIDS, u l-ġlieda kontra l-mutilazzjoni tal-ġenitali tan-nisa. Is-sehem tan-nisa fit-teħid ta' deċiżjonijiet u l-ħajja politika u ekonomika, fil-prevenzjoni kontra l-ġlied u r-riżoluzzjoni, it-twaqqif ta' paċi u l-bini mill-ġdid għandu jitrawwem mill-UE u l-Istati Membri tagħha.

**Azzjonijiet ewlenin**

Il-Kummissjoni ser:

- tikkontrolla u tqajjem l-għarfien dwar it-traspożizzjoni, l-implimentazzjoni u l-infurzar effettiv ta' l-*acquis* tal-Komunità dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi għal pajjiżi li ser jissieħbu, kandidati u kandidati potenzjali, kif ukoll fil-programmar ta' l-għajnuna ta' qabel l-adeżjoni u fin-negozjati ta' adeżjoni,

- tikkontrolla u tħeġġeġ l-integrazzjoni ta' l-ugwaljanza bejn is-sessi u miżuri speċifiċi fl-ENP, fir-relazzjonijiet esterni u l-politiki ta' l-iżvilupp ta' l-UE, fi djalogu politiku u livelli ta' programmar (Karti Strateġiċi tal-Pajjiż u Karti Strateġiċi għat-Tnaqqis tal-Faqar). Fuq livell ta' implimentazzjoni, għandha tingħata attenzjoni speċifika għall-integrazzjoni ta' l-ugwaljanza bejn is-sessi fil-metodu ta' l-għajnuniet il-ġodda (appoġġ tal-baġit u programmi tas-settur),

- tressaq fl-2006, Komunikazzjoni fuq Viżjoni Ewropea dwar l-Ugwaljanza bejn is-Sessi fil-Kooperazzjoni ta' l-Iżvilupp,

- tħeġġeġ l-integrazzjoni ta' l-ugwaljanza bejn is-sessi fil-ħidmiet ta' l-għajnuna umanitarja tal-KE billi tinkludi d-dimensjoni tas-sessi bħala parti mill-valutazzjonijiet tematiċi u tekniċi (inkluż għat-tiswir tal-kapaċità) u valutazzjonijiet,

- issaħħaħ l-ugwaljanza bejn is-sessi fir-reġjun tal-Mediterran, inkluż billi fl-2006 torganizza Konferenza Ministerjali Euromed dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi wara konsultazzjoni tas-soċjetà ċivili, li tista' twassal għall-adozzjoni ta' pjan għal azzjoni,

- tikkontribwixxi għall-kisbiet tal-BPfA u konvenzjonijiet internazzjonalli u reġjonali relevanti oħrajn billi tappoġġja programmi, tiswir ta' kapaċità u l-kapaċità tat-tiġbir tad-*data* fil-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw,

- tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tar-Riżoluzzjoni tal-Kunsill ta' Sigurtà tan-NU 1325 (2000) dwar in-nisa, il-paċi u s-sigurtà, kif ukoll billi tiżviluppa fl-2006 linji ta' gwida dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi f'attivitajiet ta' taħriġ tat-tmexxija tal-kriżijiet,

- tippromwovi l-organizzazzjonijiet u n-netwerks tan-nisa.

## PARTI II: IT-TITJIB TA' L-IGGVERNAR GĦALL-UGWALJANZA BEJN IS-SESSI

L-ugwaljanza bejn is-sessi tista' tinkiseb biss b'impenn ċar fl-għola livell politiku. Il-Kummissjoni tippromwovi l-ugwaljanza bejn is-sessi fi ħdan il-gradi tagħha stess[18] u tappoġġja numru ta' strutturi[19] li jaħdmu fuq kwistjonijiet tas-sessi, li wasslu għal progress sinifikanti.

Madankollu, għad irid isir progress kbir fl-oqsma ewlenin identifikati f'dan il-Pjan ta' rotta u dan jeħtieġ iggvernar tajjeb fil-livelli kollha: l-istituzzjonijiiet ta' l-UE, l-Istati Membri, il-parlamenti, l-imsieħba soċjali u s-soċjetà ċivili. L-appoġġ tal-Ministeri ta' l-ugwaljanza bejn is-sessi hu essenzjali: il-laqgħat regolari tagħhom u l-konferenzi tal-presidenza appoġġjati mill-Kummissjoni huma opportunitajiet importanti għal djalogu u kontroll. Il-Patt Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi juri l-impenn fl-għola livell politiku fl-Istati Membri biex jiżdiedu l-isforzi sabiex tinkiseb l-ugwaljanza bejn is-sessi flimkien mal-Kummissjoni.

L-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi ppjanat[20] ser jipprovdi għarfien esperti, u jtejjeb l-għarfien u l-viżibbiltà għolja dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi. Il-Fondi Strutturali, il-programmi finanzjarji fl-oqsma ta' politika differenti, u l-programm fil-ġejjieni PROGRESS ser jappoġġja l-implimentazzjoni ta dan il-Pjan ta' rotta. L-implimentazzjoni tal-metodi ta' l-ugwaljanza bejn is-sessi bħal valutazzjoni ta' l-impatt fuq is-sessi u l-baġitjar fuq is-sessi (l-implimentazzjoni ta' perspettiva tas-sessi f'proċess baġitarju) ser tħeġġeġ l-ugwaljanza bejn is-sessi u tipprovdi għal trasprenza akbar u ttejjeb l-kontabbiltà.

### Azzjonijiet ewlenin

Il-Kummissjoni ser:

- issaħħaħ l-istrutturi tagħha
